**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 28 ta' Frar 2023**

**Talba numru 339/2022 SFJ**

**MICHAEL ATTARD IMPORTS LIMITED (C 34433)**

**VS.**

**FIORELLA ELLUL SULLIVAN (KI 364880 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha l- attur ippermetta u talab:

> "*Illi l-kumpanija rikorrenti qed titlob lill-intimata tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u tnejn u erbgħin ewro u sitta w sebgħin ċenteżmu (Eur2,442.76), rappeżentanti ta' bilanċ ta' import ta' tlettax-il kambjala, skaduti, aċċettati w iffirmati mid-debitriċi, bl-ispejjes u bl-imgħax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv;*"

**Ra illi l-konvenuta ġiet notifikata fl-24 ta' Diċembru 2022 u ma ppreżentat ebda risposta.**

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja weħidha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Riċentement ukoll, Sentenza mgħotija mill-Onorevoli Mħallef Christian Falzon Scerri, nhar it-18 ta' Novembru 2022, rikors 1090/21 (ara ***<u>Salvatore Batiato u Emanuela Graziella Vannella vs. Alessandro Mercieca)</u>***, fejn l-Imħallef iddikjara illi 'l-Grad tal-prova li l-atturi kellhom jilħqu huwa dak li biżżejjed iniżżel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant, li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probilitajiet'.

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lil Stephen Sacco, rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023, ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-amont riklamat skont l-avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt illi dan it-Tribunal huwa konvint illi s-soċjeta' attriċi timmerita li titħallas l-ammont rikjest fl-avviż tat-talba, jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elfejn, erba' mija u tnejn u erbgħin ewro u sitta w sebgħin ċenteżmu (Eur2,442.76), bl-imgħaxx, liema imgħaxx ghandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima skont il-liġi, u dan mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**